Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,189, 6 ta' Frar, 2024

Taqsima B

A.L. 24 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Grad ta' Master of Arts in Adult Education – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-grad ta' Master of Arts in Adult Education – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma' teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Adult Education – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Adult Education – M.A.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2024 jew wara

.

Verżjoni Elettronika

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Baċellerat miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew tal-anqas f'Kategorija II f'qasam ta' studju li l-Bord iqis li huwa xieraq.

(2) Id-dħul tal-applikanti għandu jkun suġġett għar-riżultat ta' intervista mmexxija minn bord tal-intervisti magħmul minn tal-anqas tliet membri, maħtur mill-Bord għal dan il-għan.

(3) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà jista', wara eżami bir-reqqa tad-dokumenti mressqa bħala sostenn għall-kwalifiki ppreżentati, u wara intervista, jirrakkomanda d-dħul tal-applikanti li qegħdin japplikaw skont il-Politika għar-Rikonoxximenti u l-Akkreditazzjoni ta' Tagħlim Preċedenti (RPL) tal-Università li għandhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra u esperjenza dokumentata b'rabta mal-edukazzjoni tal-adulti, jekk dawn jitqiesu komparabbli għall-kwalifiki msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament.

(4) Id-dħul tal-applikanti msemmija fil-paragrafu (3) ta' dan l-ordinament jista' jkun suġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li l-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà jista' jimponi biex jindirizza xi nuqqasijiet fil-preparazzjoni akkademika tal-applikanti. Il-kundizzjonijiet imposti jistgħu jinkludu t-tmiem b'suċċess ta' programm preparatorju, jew ir-rekwiżit li jsegwu u jgħaddu minn taqsimiet studju supplimentari, sa massimu ta' 12-il krettu ECTS, b'żieda mal-programm ta' studju speċifikat fl-ordinament 5 ta' dawn l-ordinamenti.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi full-time jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi part-time.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu, li minnhom 10 kretti huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 80 krettu assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

6. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Id-Dissertazzjoni

7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn 30,000 – 35,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

Verżjoni Elettronika

(2) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta ta' riċerka. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu tal-istudju.

8. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt mas-superviżur/i tagħhom għall-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk, kemm-il darba s-superviżur jidhirlu li hu meħtieġ.

(2) Is-superviżuri għandhom jibagħtu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi full-time u kemm jekk fuq bażi part-time. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, diment li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju kif imsemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

9. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi Part-Time

10. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi part-time, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.